MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 826/1997/1

Rikors Numru:  826/97

Gardner Bell
vs
Chairman in rapprezentanza tal-Malta International Airport Limited u b'digriet ta' l-4 ta' Novembru 1999 gir korrett ghal Malta International Airport plc u l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Port u Trasport li gew kjamati fil-kawza b'digriet ta' l-4 ta' Ottubru 2001

Illum 3 ta' Marzu 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat fil-11 ta' Novembru 1997 fejn ir-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1991 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Huwa nghata appointment ta' Duty Management Officer fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili b'effett mill-5 ta' Gunju 1985 u kien jaqdi d-dmirijiet tieghu fl-Air Terminal ta' l-ajruport ta' Hal-Luqa. Matul dan iz-zmien kollu dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar responsabbilita` u efficjenza.

2. Ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987 u f'perjodi differenti, intbaghtu diversi persuni biex jahdmu fl-air Terminal. Fost dawn in-nies kien hemm uhud li b'mod irregolari, bdew jadmu ta' DMO's. Illum hu jinsab maqbuz minnhom indebitament kif jidher izjed 'il quddiem.

3. Fl-20 ta' Frar 1991 waqt il-perjodu transitorju li matulu d-doveri li dak iz-zmien kienu qeghdin jitwettqu mill-Air Terminal Department qabel ma jghaddu f'idejn il-Malta International Airport Co. Ltd., inharget applikazzjoni ghal post ta' Executive mill-Assistant Air Terminal Manager b'approvazzjoni tad-Deputy Chairman, Air Terminal Board of Management. Huwa applika ghal din il-posizzjoni izda la rcieva acknowledgement u lanqas qatt ma gie mghajjat ghal ebda interview.

4. Fis-16 ta' Mejju 1991 giet imwaqqfa l-Malta International Ariport Co. Ltd. sabiex tmexxi z-zewg Terminals u fis-27 ta' Novembru 1991 gie ffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Gvern u l-partijiet ikkoncernati, flimkien ma' listi ta' mpjegati li kienu jahdmu fit-Terminal ta' Hal-Luqa u li kellhom l-opportunita` li jigu trasferiti ma' l-MIA. Dawn il-listi, flimkien ma Staff List jirriflettu s-senjorita ta' l-impjegati. Dan il-memorandum fil-fatt kien jixhed l-incentiv u l-garanzija li hajritu jaqleb minn mal-Gvern ghal mal-kumpanija.

5. Fis-16 ta' Novembru 1991 hargu applikazzjonijiet ghal diversi gradi ta' Executives u Officers ma' l-MIA Co. Ltd. u huwa applika ghal uhud minn dawn il-posizzjonijiet. Meta mar ghall-interview, l-interview m'ghamluhulux imma gharrfuh li gie maghzul biex jokkupa l-kariga ta' Customer

Care Officer u huwa accetta din il-posizzjoni minghajr ma kien suggett ghal interview u fuq bazi ta' "take it or leave it". Wara dan l-episodju sar jaf li min inghata l-posizzjoni ta' Executive kien sarlu interview meta hu u ftit ohra ma gewx mghotija din il-fakulta. B'hekk saret diskriminazzjoni fl-ghoti ta' dawn il-promozzjonijiet.

6. Wahda minn dawn il-posizzjonijiet li ghalihom kien applika, cioe' dik ta' Air Terminal Executive, giet vakanti fl-1993 mar-rizenja tas-sur Anton Ciarlo li kien qieghed jokkupa din il-kariga. Ir-rikorrent iccahhad milli seta javvanza billi l-Kumpanija amalgamat din il-kariga flimkien mal-kariga ga okkupata ta' Customer Care Executive. Eventwalment min kien qieghed jokkupa din il-kariga gie promoss ghall-grad ta' Executive II u konsegwentament il-grad ta' Executive I issa gie vakanti wkoll u baqa vakanti.

7. F'Marzu 1992, il-Managing Director tal-Kumpanija b'abbuz ta' poter ta' ultimatum lill-Customer Care Officers, inkluz ir-rikorrent, sabiex jibdew iwettqu "aircraft parking duties' b'effett immedjat. Waqt id-diskussjoni li sehhet is-Sur Papagiocopulo wieghed forma ta' titjib fil-posizzjoni tal-koncernati izda l-kelma ta' Management nkisret f'dan ir-rigward.

8. F'Novembru 1994 il-Kumpanija ddecidiet li twaqqaf il-post ta' Duty Executive u nghediet sensiela ta' lectures ghall-applikanti. F'dan il-perjodu ir-rikorrent, flimkien ma ohrajn talab aggustament fil-grad izda dan gie michud. Bi qbil mal-Unions, f'Jannar 1995 hargu l-applikazzjonijiet ghall-promozzjoni fil-grad ta' Duty Executive fejn kien hemm vakanzi ghal mill-anqas erbgha (4). Huwa applika u ghamel interview u ftit wara gharrfuh li kien mar tajjeb hafna. Meta kien qieghed jistenna biex jaghmel l-ezami, l-Kumpanija artirarjament u minghajr konsultazzjoni mal-Unions waqqfet dawn il-promozzjonijiet u ghaldaqstant hu gie mtellef dan ic-cans li javvanza fil-karriera tieghu. Id-decizjoni li hadet il-MIA Co. Ltd. li twaqqaf hesrem u b'mod abbuziv din il-kariga kienet marbuta mad-decizjoni li minflokha tohrog applikazzjoni ohra ghall-grad ta' Senior Officer. Din inharget fit-12 ta' Gunju 1995 u huwa applika.

Ghamel l-interview u ma giex maghzul. Kien maqbuz indebitament minn nies indikati f'paragrafu 2 izjed 'l fuq.

9. Huwa jtenni wkoll illi fejn il-maggoranza assoluta ta' l-impjegati mal-MIA iggwadanjaw minn promozzjonijiet, huwa ma kellu l-ebda gwadann simili ghax ghadu fil-grad originali tieghu minn meta inghaqad mal-Kumpanija. Huwa jishaq illi mpjegati ta' gradi inqas minnu gew promossi ghal grad simili bhal tieghu u anke ghal gradi superjuri. Din is-sitwazzjoni ixxejjen il-klawsola li tistipola s-senjorita msemmija fil-"Memorandum of Understanding". Minn posizzjoni gholja gie relegat f'kategorija anqas li zgur ma tirriflettix il-posizzjoni li kellu qabel.

10. Huwa hass li kien sofra din l-ingustizzja minhabba t-twemmin politiku tieghu u li minbarra f'hekk sofra danni morali u finanzjarji ghax gie mtellef is-senjorita fil-grad ta' Executive, Duty Executive u Senior Officer u b'hekk din se jibqa jkollha effett avvers f'avvanz fil-karriera tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib, biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jsiru aggustamenti fil-grad u fil-paga li huwa ghandu bhalissa kif ukoll jinghata senjorita' li huwa gie mtellef ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta` intimata fejn wiegbet:

1. Illi preliminarjament, il-kumpanija intimata li giet notifikata bil-fuq imsemmi rikors, kien jisimha "Malta International Airport Limited" u mill-1 ta' Awissu 1997 l-

istess kumpanija intimata kkonformat ma' l-att tal-1995 dwar il-kumpaniji (Att XXV ta' l-1995) u minn dik id-data isem il-kumpanija esponenti sar u ghadu "Malta International Airport plc".(Dok 1)

2. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak li r-rikorrent qieghed jirreferi ghalih bhala "Customer Care Officer" qatt ma ezista mal-kumpanija intimata izda kien u ghadu jezisti l-grad ta' "Officer".

3. Illi mhux minnu li saret xi diskriminazzjoni da parti tal-kumpanija intimata fl-ghoti tal-promozzjonijiet li saru b'rizultat tas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal diversi gradi ta' Executives u Officers li thabbru fis-16 ta' Novembru 1991.

4. Illi hija l-prattika fil-pajjiz, sahansitra accettata mill-Unions ewlenin Ftehim Kollettiv li huma jiffirmaw, li meta tkun se tinghata xi promozzjoni u/jew timtela' xi vakanza, ghandhom jigu kunsidrati l-htigijiet ta' l-impieg u tinghata l-kunsiderazzjoni mehtiega lill-fatturi bhal ma huma abbilta`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali. L-anzjanita (seniority) tigi kunsidrata biss f'kaz li jkun hemm aktar minn impjegat wiehed b'dawn il-fatturi kollha ndaqs. Din hija l-prattika anke mal-kumpanija intimata kif, del resto, hu provdut anke fil-Ftehim Kollettiv li ghandha mal-union (Dok 2).

5. Illi, mhux minnu, li s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Duty Executive li harget il-kumpanija intimata fis-27 ta' Jannar 1995 saret bi qbil mal-Unions u dan ghax hi prerogattiva tal-kumpanija intimata li tohrog u meta tohrog tali sejhiet.

6. Illi, ghalkemm ir-rikorrent applika u sahansitra ghamel l-"interview" bhal kull min fil-fatt applika ghall-grad imsemmi, ma hareg u ma gie pubblikat l-ebda rizultat u dan peress li, minhabba esigenzi tal- kumpanija intimata, din is-sejha giet irtirata b'cirkolari tat-12 ta' Gunju 1995 u sostitwita b'sejha differenti ghal grad ta' Senior Officer ukoll datata 12 ta' Gunju 1995. Dan sar wara li l-kumpanija intimata sejhet laqgha ghal kull min kien

involut, liema laqgha giet indirizzata mic-Chairman tal-kumpanija intimata. Ir-rikorrent attenda ghal din il-laqgha u ma ghamel ebda opposizjoni. Fi kwalunkwe kaz dan gara wara l-15 ta' Mejju 1995 cioe' barra z-zmien li ghalih huwa applikabbli l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li tahtu qed isiru dawn il-proceduri.

7. Illi, dwar is-sejha ghall-grad ta' Senior Officer datata 12 ta' Gunju 1995 din ukoll grat wara l-15 ta' Mejju 1995 cioe' barra z-zmien li ghalih huwa applikabbli l-Att VIII va' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li tahtu qed isiru dawn il-proceduri.

8. Illi mhux minnu li l-maggoranza assoluta ta' l-impjegati tal-kumpanija intimata iggwadanjaw minn promozzjonijiet.

9. Illi, wkoll mhux minnu li r-rikorrent gie relegat f'kategorija anqas u li ma tirriflettix il-posizzjoni li hu kellu ma' l-ex Air Terminal Department;

10. Illi, fir-rikors tieghu ir-rikorrent qieghed jilmenta li "kien sofra din l-ingustizzja minhabba t-twemmin politiku tieghu". Il-kumpanija intimata cahdet bl-aktar mod kategoriku li qatt ittiehdu minnha xi kunsiderazzjonijiet ta' natura ohra hlief dawk ta' mertu, disposizzjoni adattament u kwalifiki.

11. Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, hu sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Ra ukoll ir-risposta tal-Prim Ministru u l-Ministru tat-Trasport fejn
Wiegbu:

Illi mhumiex illegittimi kontraditturi f'din il-kawza stante li hemm provdut fl-Artikolu 181 B tal-Kap 12, liema artiklu

huwa applikabbli wkoll ghall-proceduri quddiem it-Tribunal ta’ l-Ingustizzji skond l-artikolu 15 ta’ l-istess Att.

Bla pregudizzju ghas-suespost, fl-ewwel paragrafu, ir-rikorrent jghid ‘b’mod preciz ghall-habta ta’ bejn l-1991 u 1995’ u ghalhekk wiehed ma jistax jifhem kif jitqajmu lmenti li allegati li saru bejn l-1985 u l-1991 meta fir-rikors promotorju, propju fl-ewwel paragrafu dawn thallew barra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri stante li d-digriet tal-kjamat fil-kawza, l-avukat sottoskritt sar jaf bih fid-19 ta’ Novembru 2001 wara nofsinhar.

Ra r-risposta ulterjuri u dikjarazzjoni dwar il-fatti tal-kjamati in kawza, Il-Prim Minsitru u l-ministru tat-Trasport:

Illi mhumiex illegittimi kontraditturi u ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-promozzjonijiet li r-rikorrent qed jallega li gie mcahhad minnhom u cioe ta’ Executive f’Novembru 1991 u ta’ Senior Officer f’Gunju 1991 fl-impjieg tieghu mal-Malta International Airport Limite illum plc, bl-ebda mod ma kienu jemanaw minn jew jinvolvu lill-intimati, tant illi fejn il_prim Ministru ikun involut, il-promozzjonijiet isiru skond il-proceduri tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, fattur illi ma jirrizultax fir-rigward tal-promozzjonijiet in kwistjoni.
Illi minghajr pregusizzju ghas-suespost, kieku l-promozzjonijiet kienu jaqghu fl-operat tal-Prim Ministru u tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, l-asserzjoni tar-rikorrent illi saret ingustizzja mieghu, ghaliex ma gie promoss kellu inqas seniority minnu, xorta ma tregix, fil-meritu ghaliex a tenur tar-regolament nru 12 tal-Avviz Legali 32 – 1960 dwar il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku il-kwalifiki, l-esperjenza u l-meritu jinghataw priorita fuq is-seniority.

Illi kwantu ghall-allegata ingustizzja rigward il-post ta’ Senior Officer f’Gunju 1995 dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jiddiklina milli jiehu konjuzzjonu ‘ratio temporis’

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimati.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Qabel mat-Tribunal jghaddi biex jikkunsidra l-meritu irid jikkumenta dwar il-kjamata fil-kawza tal-Prim Ministru u l-Ministru tat-Trasport kif jidher li gew kjamati b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' l-4 ta' Ottubru 2001.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan il-verbal illi qieghed a fol 194 izda min imkien ma jirrizulta illi t-Tribunal ta' id-decizjoni tieghu dwar kellhomx jigu jigu kjamati l-Prim Ministru u l-Ministru tat-Trasport. Fil-fatt dan il-verbal jghid testwalment:

"Dr Mifsud Bonnici jitlob il-kjamat in kawza tal-Prim Ministru u l-Ministru tal-Port u Trasport. Dr Pullicino jitlob li jigi deciz ir-rikors." (Hawnhekk Dr Pullicino qed jitkellem dwar rikors pprezentat mill-intimat fl-1 ta' Frar 2001 fol 180 fejn qed jitlob lit-Tribunal jiehu decizjoni, kellux jikkunsidra c-cirkostanzi illi graw qabel il-formazzjoni tas-socjeta` intimata). "It-Tribunal jirriserva d-decizjoni tieghu wara li jsiru notifiki u risposti tal-kjamati in kawza. Differit ghall-21 ta' Novembru 2001 fil-11.00 a.m. ghan-notifika tal-kjamati in kawza."

Minn dan il-verbal mhuwiex car jekk it-Tribunal huwiex jirriserva illi jiehu decizjoni fuq ir-rikors ta' l-intimati fuq imsemmi jew inkella kellhomx jidhlu fil-kawza l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Port u Trasport. Hu x'inhu din id-decizjoni baqghet ma ttehdietx minkejja li gew notifikati u pprezentaw ir-risposti taghhom. Pero` jibqa' l-fatt illi l-inkluzzjoni taghhom f'din il-kawza mhijiex regolari ghax avolja l-indikazzjonijiet huma illi t-Tribunal kien propenz li jilqa' t-talba illi jaghmel Dr. Mifsud Bonnici din id-decizjoni ma ttiehdet qatt u ghalhekk il-prezenza tal-Prim Ministru u l-Ministru tal-Port u Trasport hija wahda irregolari.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief illi jillibera immedjatament il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Port u trasport mill-osservazna tal-gudizzju.

Ghalhekk f'din il-kawza jibqa' s-socjeta` konvenuta bhala intimata. Fir-rikors taghha tal-1 ta' Frar 2001 (fol 180) is-socjeta` intimata qajmet il-kwistjoni kelliex tkun responsabbli ghal xi agir fil-konfront tar-rikorrent qabel il-formazzjoni taghha fis-16 ta' Mejju 1991. It-Tribunal jinnota li minkejja illi jidher li c-cahda tat-talba b'digriet tal-1 ta' Marzu 2001 hija limitata biss ghal fatt kelliex tittiehed decizjoni bikrija jew le, t-Tribunal ma jhossux marbut b'konsiderazzjonijiet ohra u ghalhekk f'dan l-istadju, jidhirlu illi s-socjeta` intimata permezz ta' dan ir-rikors ghandha ragun u ma tistax tkun responsabbli ghal xi eghmil ta' terzi li mhumiex fil-kawza illi setghu graw qabel il-formazzjoni taghha fis-16 ta' Mejju 1991.

Ghalhekk it-Tribunal se jillimita l-konsiderazzjoni tieghu ghal dak illi gara wara dik id-data. Ghad illi naturalment peress illi s-socjeta` intimata assumiet ir-responsabiltajiet kollha tal-haddiema illi kien hemm qabel mad-DCA huwa importanti illi ssir referenza ghas-sitwazzjoni illi kienet tezisti fil-konfront tar-rikorrent meta kien mad-DCA.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent dahal jahdem mad-Dipartment of Civil Aviation fil-5 ta' Gunju 1985 bhala Duty Management Officer. Dam hemmhekk sa Mejju 1988, wara dik id-data mar jahdem ma l-Air Terminal Department izda baqa' jzomm il-grad tieghu ta' DMO, dam ma l-Air Terminal Department sa l-1991 meta dahal mas-socjeta` intimata f'Dicembru 1991 fejn gie moghti l-kariga ta' Customer Care Officer li ma kienx fl-istess grad ta' DMO u lanqas ma kellu l-istess doveri. Id-doveri ta' DMO kienu at par ma Executive ta' l-MIA. Skond il-memorandum li gie iffirmat bejn l-Gvern u s-socjeta` intimata "governement employees shall retain their formal grade." (para e) u ukoll id-DMO's kellhom jigu appuntati skond l-anzjanita. Dan pero` ma sarx fil-konfront tar-rikorrent u meta fi Frar 1991 applika ghal post ta'

Executive din giet rifjutata. Rega' ghamel applikazzjoni ohra fis-16 ta' Novembru 1991 izda hawn ukoll kien hemm rifjut pero` gie moghti l-kariga ta' Customer Care Officer li accetta (fol 85). F'Marzu 1992 gew moghtija istruzzjonijiet biex il-Customer Care Officers jaghmlu xoghol ta' Aircraft parking duties u r-rikorrent beda jaghmel dan ix-xoghol. Fl-1993 l-Air Terminal Executive gie amalgamat ma Customer Care wara r-rizenja ta' l-Executive li kien jokkupa l-kariga dakinhar cioe` Anton Ciarlo u l-kariga propja ta' Air Terminal Executive baqa' vakanti.

Saru sejhiet ohra f'Jannar 1995 ghal Duty Executives minn fejn kien jirrizulta erba' vacancies izda is-socjeta` intimata waqfghet dan l-ezercizzju peress illi riedet tamalgama xi pozizzjonijiet. Fit-12 ta' Gunju 1995 ir-rikorrent applika ghal Senior Officer izda wkoll hawn ma sar xejn. Din l-ahhar applikazzjoni pero` hija barra t-terminu tal-gurisdizzjoni moghtija lil dan it-Tribunal u ghalhekk ma jistax jikkunsidra pero`, jibqa' l-fatt illi minkejja illi ghadda dak iz-zmien kollu r-rikorrent baqa' fl-istess grad illi dahal bih. Irrizulta wkoll illi s-socjeta` intimata ma trattatx bl-istess mod nies ohra illi dahlu jahdmu maghha fl-istess zmien tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda saret referenza partikolari ghal kazijiet ta' David Cassar, Oswald Tanti, Anton Ciarlo, Vince Farrugia u Joseph Schiavone. Irrizulta mill-provi illi dawn kienu Administrative Assistants mal-Gvern izda meta dahlu mas-socjeta` intimata bdew jaghmlu xoghol ta' DMO taht is-sorveljanza jew tutorship tar-rikorrent izda mbaghad xi uhud minnhom saru Executives u xi uhud Senior Officers. Skond ix-xhieda ta'Alfred Mangion fol 264 u ta' Mario Cuomo fol 272, David Cassar u Oswald Tanti gew mlahhqin bhala Commercial Executives, Anton Ciarlo Air Terminal Executive, Vince Farrugia Safety & Security Executive u Joseph Schiavone sar Customer Care Executive. Skond Richard Farrugia a fol 223 Joseph Schiavone rcieva attegjament favorevoli mis-socjeta` intimata.

Mario Cuomo jikkonferma illi kien involut fl-ghazla ta' dawn il-persuni jew illi saret referenza ghalihom biex jinhatru Executives. Interview b'mod formali ma kienx sar izda sar biss ma dawk li kienu appuntati (fol 321) u kull min gie ntervistat gie offrut il-kariga (fol 275). Jikkonferma illi Richard Farrugia nhatar Enviornement Executive by direct appointment. Mistoqsi biex jispjega dan l-agir Mario Cuomo jghid illi dak iz-zmien li saru l-hatriet il-Kumpanija kienet ilha tahdem xi sena jew ftit iktar u l-Management kellu l-opportunita` jara n-nies kif kienu qed jahdmu u min kien l-aktar idoneju ghal promozzjoni. Kien fl-isfond ta' dan l-ezercizzju illi dehrilhom li l-persuni fuq imsemmija kienu l-aktar idoneji ghal karigi offruti avolja ma setax jeskludi illi kien hemm xi hadd li ma kellux ir-rekwiziti mehtiega (fol 273). Ghad illi kien qed jistudja biex jikkwalifika ghal grad aktar gholi.

Ikkunsidra

Minkejja il-volum ta' xhieda u dokumenti illi gew prezentati f'din il-kawza illi ghamlu x-xoghol tat-Tribunal xejn facli, l-ilment tar-rikorrent huwa bazikament dwar it-trattament diskriminatorju illi rcieva mis-socjeta` intimata meta dehrilha li kellha taghzel persuni ghal promozzjoni u mhux ohrajn u fejn allega li gie skartat ghal kollox il-memorandum of understanding illi gie ffirmat bejn il-Gvern u s-socjeta` intimata f'Novembru 1991 fejn l-impjegati governattivi kellhom izommu s-substantive grade taghhom u jinghataw promozzjonijiet skond is-seniority.

Fil-waqt illi t-Tribunal jirrikonoxxi li s-seniority wahdu m'ghandux ikun l-uniku kriterju jew l-aktar wiehed importanti ghal promozzjoni peress illi jridu jittiehdu in konsiderazzjoni elementi ohra bhal merit u kwalifiki, attitudni ghax-xoghol u relazzjonijiet inter personali pero` l-anzjanita lanqas m'ghandha tigi skartata ghal kollox. L-anzjanita u l-kwalifiki huma l-unici elementi oggettivi illi dwarhom ma tistax tittiehed decizjoni arbitrarja mentri l-ohrajn huma elementi soggettivi illi jiddependu hafna mid-deskrizzjoni arbitarja ta' min ser jiehu d-decizjoni u b'hekk jistghu iservu bhala skuza il-ghala ghandha tigi promossa

persuna u ohra le. Hekk tkun kamuffata xi favoratizmu illi azjenda tkun se turi favur kandidat jew iehor.

F’kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-27 ta’ Ottubru 1998 fl-ismijiet Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta inghad “issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28 ta’ Ottubru 1998).”

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghandu jiccensura s-socjeta` intimata ghal mod kif taghti l-promozzjonijiet anki ghal fatt illi l-ewwel issejjah talba ghall-applikazzjonijiet imbaghad tigi rtirata ghax dehrilha li ma kelliex tkompli. Mhux hekk biss talli taghmel l-interviews biss ghal dawk in-nies li ser tkun ser tappunta. Ghalhekk bir-ragun ir-rikorrent kellu suspetti illi dawn huma kollha manuvri sabiex is-socjeta` intimata taghti promozzjonijiet lin-nies li tkun diga ghazlet minn qabel. It-Tribunal ma jistax jaccetta l-iskuza illi bhala azjenda kummercjali huwa fl-interess taghha li jkollha n-nies kwalifikati, dan jista’ jkun sa certu punt pero`, ma tistax tinjora ghal kollox l-anzjanita abbinata mal-kwalifika fejn allura f’dan il-kaz din ghandha tinghata preferenza. Dan ma jidhirx illi sar f’din il-kawza. Ir-rikorrent sostna li beda jsofri pregudizzji diskriminatorji ma l-ewwel gurnata ta’ l-ingagg tieghu mas-socjeta` konvenuta fejn ad differenza ta’ impjegati ohra ma rrikonoxxitx grad tieghu mac-civil, dak ta’ DMO. Terga u tghid ma accettatx l-applikazzjonijiet tieghu ghal Executive meta accettat applikazzjonijiet ta’ nies ohra li ma kellhomx l-anzjanita tar-rikorrent ghad illi seta’ kellhom il-kwalifiki. Dawn ta’ l-ahhar baqghu javvanzaw fis-socjeta` intimata uhud minnhom sa Senior Officers mentri r-rikorrent baqa’ fejn kien fl-istess pozizzjoni li beda biha fl-1991. Din mhijiex

sitwazzjoni accettabli u t-Tribunal jidhirlu li r-rikorrent ipprova l-kaz tieghu fil-grad li trid il-ligi u ghandu jiehu ragun.

Ghal dawn il-motivi jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li isib l-ilment gustifikat jirrakomanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Executive b'effett mill-1992 u jitpogga fil-lista tas-seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dakinhar kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.  Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------